MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 53/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Arlette Seeley, u l-Avukat Anthony Cutajar u Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi nominati bid-digriet tat-23 ta' Jannar, 2003 sabiex jirraprezentaw lill-assistenti James Spencer Seeley**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet:

Peress illi l-konvenuti huma debituri "in solidum" favur is-socjeta' attrici ghall-pagament ta' flus lilhom mislufa minghand is-socjeta' attrici fl-ammonti segwenti:-

a) erba telef erba mija u hamsin lira Maltija u sitt centezmi (Lm4,455.06) bhala bilanc ta' kapital, oltre imghaxijiet ikkalkolati mit-28 ta' Awissu, 2001 sad-9 ta' Settembru, 2003 fl-ammont ta' hames mija wiehed u tletin

lira Maltija, wiehed u disghin centezmu (Lm531.91) skond l-statement tal-akkont numru 068-058908-300 kopja hawn annessa (Dok. A);

b) elf u erba mija u wiehed u tletin lira Maltija, u erbgha u sebghin centezmu (Lm2,431.74) bhala kapital, oltre imghaxijiet ikkolkolati mil-21 ta’ Dicembru, 2001 sad-9 ta’ Settembru, 2003 fl-ammont ta’ tlett mija u lira Maltija u erbatax il-centezmu (Lm301.14) skond l-statement tal-akkont numru 068-058908301 kopja hawn annessa (Dok. B);

c) elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050) bhala kapital oltre imghaxijiet ikkolkolati mil-24 ta’ Gunju 2002 sad-9 ta’ Settembru, 2003 fl-ammont ta’ mija u wiehed lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm101.72) skond l-statement tal-akkont numru 068-058908-841 kopja hawn annessa (Dok C);

U peress illi l-konvenuti naqsu illi jhallsu dawn id-debiti li huma dovuti avolja gew interpellati kemm il-darba sabiex jaghmlu dan;

U peress illi jezistu l-elementi kontemplati fl-Artikolu 167(1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Kodici tal-Procedura u tal-Organizazzjoni) biex il-kawza tigi deciza b’dispensa tas-smiegh tal-kawza, billi d-debiti fuq imsemmija huma certi, likwidati u dovuti;

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti, previa kull dikjarazzjoni jew provediment opportun:-

1. Tghaddi biex tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikoli 167-170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

2. Tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ tmien telef u tmien mija u wiehed u sebghin Lira Maltija (Lm8,871.37) in kwantu ghal (a) erba telef erba mija u hamsin lira Maltija u sitt centezmi (Lm4,455.06) bhala bilanc ta’ kapital, oltre imghaxijiet ikkalkolati mit-28 ta’ Awissu, 2001

sad-9 ta' Settembru, 2003 fl-ammont ta' hames mija wiehed u tletin lira Maltija, wiehed u disghin centezmu (Lm531.91) skond l-statement tal-akkont numru 068-058908-300 kopja hawn annessa (Dok. A); elf u erba mija u wiehed u tletin lira Maltija, u erbgha u sebghin centezmu (Lm2,431.74) bhala kapital, oltre imghaxijiet ikkolkolati mil-21 ta' Dicembru, 2001 sad-9 ta' Settembru, 2003 fl-ammont ta' tlett mija u lira Maltija u erbatax il-centezmu (Lm301.14) skond l-statement tal-akkont numru 068-058908301 kopja hawn annessa (Dok. B); elf u hamsin lira Maltija (Lm1,050) bhala kapital oltre imghaxijiet ikkolkolati mil-24 ta' Gunju 2002 sad-9 ta' Settembru, 2003 fl-ammont ta' mija u wiehed lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm101.72) skond l-statement tal-akkont numru 068-058908-841 kopja hawn annessa (Dok C); u imghaxijiet legali ikkolkolati mid-disa (9) ta' Settembru, 2003 fuq il-bilanc kapitali fuq imsemmi ta' Lm7,936.80 u dan sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru, 2002, li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici u l-affidavit ta' l-istess;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u b'hekk baqghu kontumaci;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------